

Barra minn hekk, l-Irlanda tfakkar li skond l-Artikolu 8 tal-Protokoll hija tista' tinnotifika lill-Kunsill bil-miktub li ma tixtieqx tkun aktar koperta mit-termini tal-Protokoll. L-Irlanda bi ħsiebha tirrivedi l-operat ta' dawn l-arranġamenti fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat.

### **57 Dikjarazzjoni tar-Repubblika Taljana dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew**

L-Italja tinnota li, skond l-Artikoli 10 u 14 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew huwa magħmul minn rappreżentanti taċ-ċittadini ta' l-Unjoni, li r-rappreżentazzjoni tagħhom hija garantita b'mod digressivament proporzjonali.

L-Italja tinnota wkoll li, bis-saħħa ta' l-Artikolu 9 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u ta' l-Artikolu 20 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, kwalunkwe persuna li għandha n-nazzjonalità ta' Stat Membru hija ċittadin ta' l-Unjoni.

Konsegwentement, l-Italja tqis li, mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni dwar il-leġislatura 2009-2014, kull deċiżjoni adottata mill-Kunsill Ewropew, fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew u bl-approvazzjoni tiegħu, li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew, għandha tirrispetta l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 14, it-tieni paragrafu, l-ewwel subparagrafu.

### **58. Dikjarazzjoni tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija u tar-Repubblika ta' Malta dwar l-ortografija ta' l-isem tal-munita unika fit-Trattati**

Mingħajr preġudizzju għall-ortografija unifikata ta' l-isem tal-munita unika ta' l-Unjoni Ewropea msemmija fit-Trattati u hekk kif muri fuq il-karti tal-flus u fuq il-muniti, il-Latvja, l-Ungerija u Malta jiddikjaraw li l-ortografija ta' l-isem tal-munita unika, inklużi d-derivattivi, kif użati fit-test kollu bil-Latvjan, bl-Ungeriż u bil-Malti tat-Trattati, m' għandha l-ebda effett fuq ir-regoli eżistenti tal-lingwa Latvjana, tal-lingwa Ungeriża u tal-lingwa Maltija.

### **59. Dikjarazzjoni tar-Renju ta' l-Olanda dwar l-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea**

Ir-Renju ta' l-Olanda ser japprova deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 312(2), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea ladarba reviżjoni tad-deċiżjoni prevista fl-Artikolu 311, it-tielet subparagrafu, ta' dak it-Trattat tkun provdjet lill-Olanda b'soluzzjoni sodisfaċenti għall-qagħda tagħha ta' ħlas nett negativ u eċċessiv vis-à-vis il-baġit ta' l-Unjoni Ewropea.